MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 2289/2002

**Margaret Fenech**

**vs**

**Saviour Casha**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Settembru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attrici s-somma ta' seba' mitt lira Maltin (Lm700) rappresentanti danni ikkawzati fil-vettura proprjeta ta'l-attrici meta fl-10 ta' Mejju 2001 f'Saint Anthony Street, Zebbug l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DAT 573 tal-marka Mitsubishi, habat fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DAL 830 tal-marka Skoda proprjeta ta'l-attrici, u dana prevja dikjarazzjoni li din il-kollizzjoni grat unikament minhabba negligenza,

imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali intavolata kontestwalment ma’l-avviz u bl-imghax legali kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal- konvenutipprezentata fit-3 ta’ Ottubru 2002 fejn huwa eccepixxa:
1. Illi preliminarjament din il-kawza hija intempestiva stante illi l-konvenut qatt ma kien interpellat mill-attrici sabiex jersaq ghad-danni li allegatament kienu kkawzati lilha mill-konvenut – la bonarjament u wisq anqas permezz ta’ att gudizzjarju; u ghaldaqstant l-ispejjez ta’ dina l-Qorti ghandhom jigu f’kull kaz ssoportati interament mill-attrici
2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-attrici stante illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament tort taghha, minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha, kif ser jigi ippruvat.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda ta’ l-kontendenti kif ukoll ta’ P.S.1219 Carmelo Zammit, ta’ Joseph Fenech, iben l-attrici, tas-surveyor Philip Zammit u ta’ Mary Grixti.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti konsistenti fir-*road accident report* u l-iskizz tal-habta, *survey report* u sett ritratti li gew esebiti mill-konvenut. (Dokumenti CZ1 u CZ2, PZ1 u SC1 sa SC5 rispettivament.

Ikkunsidra,

Illi l-incident stradali mertu tal-kawza sehh gewwa Haz Zebbug, wara il-Knisja Parrokjali u precisament gewwa St. Anthony Street, kantuniera ma’ Church Street. L-attrici kienet tielgha St. Anthony Street fid-direzzjoni lejn il-Pjazza ta’ San Filep, filwaqt illi l-konvenut kien hiereg

minn Church Street bl-intenzjoni illi jaqsam Triq Sant'Antnin. Dak in-nhar ta'l-incident flimkien ma'l-attrici kien hemm uliedha, zewg subien wiehed ta' disgha snin u l-iehor ta' tnax-il sena li kienu rekbin fuq in-naha ta'wara. F'din il-kantuniera, ma jidhirx illi dak in-nhar ta'l-incident kien hemm xi *stop sign* f'tarf Church Street jew il-mera li jezistu illum u dana kif jirrizulta mir-ritratti esebiti mill-konvenut (SC1 sa SC5), li jindikaw il-konfigurazzjoni tat-triq.

Il-konvenut jallega illi meta sehh l-incident huwa kien wieqaf gewwa Church Street, sabiex jippermetti lil certu Mary Grixti (li xehdet f'dawn il-proceduri) taqsam it-triq, meta l-attrici tillfet il-kontroll tal-vettura misjuqa minnha u dana peress illi kienet qed issuq bi *speed* eccessiv u bit-*tyre* ta' quddiem mifqugh, u habtet fih. L-attrici min-naha taghha tichad dan kollu u tinsisti illi it-*tyre* ta'quddiem in-naha tal-lemin infaqa' ma'l-impatt meta hija tillfet il-kontroll tal-vettura taghha u baqghet tielgha fuq targa ta'l-irham li kien hemm mal-genb tat-triq u habtet fil-hajt. Hija ressqet ukoll bhala xhud lil binha Joseph Fenech li ukoll ikkonferma illi qabel l-impatt, it-tyre ta' quddiem tal-vettura misjuqa minn ommu ma kienx mifqugh. L-attrici tallega illi kien l-konvenut li baqa' hiereg minn Church Street, laqatghha fuq il-genb, in-naha ta' wara tal-vettura taghha, u bil-konsegwenza ta' dan l-impatt hija tilfet il-kontroll tal-vettura taghha u baqghet diehla fil-hajt sabiex b'hekk il-vettura taghha garrbet hsarat estensivi fuq in-naha ta' quddiem u dana kif indikat fis-*survey report* esebiet minn Philip Zammit (PZ1).

Illi qabel xejn ghandu jinghad illi x-xhieda moghtija mill-konvenut ma kenitx wahda kredibbli u hija ghal kollox inverosimili. Illi inoltre it-Tribunal lanqas ma huwa propens li jemmen illi dak in-nhar ta'l-incident ix-xhud Mary Grixti kienet prezenti u ghalhekk ix-xhieda taghha ser tigi skarata ghaliex tidher illi hija fabbrikata u intiza biss sabiex tassisti lill-konvenut fit-tezi imressqa 'il quddiem minnu.

Dana qed jinghad ghas-segwenti ragunijiet:

Illi fl-ewwel lok il-konvenut stess jammetti illi mill-posizzjoni minn fejn kien wieqaf, huwa ma kellux vizwali tat-traffiku tielgha minn St. Anthony Street, u li fl-ebda mument qabel ma sehh l-impatt huwa ma kien ra lill-attrici tielgha St. Anthony Street. Allura, wiehed jistaqsi kif jista' ikun illi imbaghad jistqarr fl-istess nifs illi l-attrici kienet tielgha bi *speed* eccessiv u li kellha t-*tyre* ta' quddiem mifqugh. Huwa inverosimili illi dawn l-affarijiet huwa ikkonstathom fis-sekonda meta hija ghaddiet minn quddiemu u skond il-verzjoni tieghu laqtghet il-vettura tieghu. Huwa ukoll inverosimili illi l-konvenut ighid illi waqqaf f'tarf Church Street sabiex jippermetti lil Mary Grixti taqsam, meta l-istess xhud tghid illi hija kienet bi hsiebha taqsam St. Anthony Street u mhux Church Street! Kif lanqas ma hu kredibbli l-konvenut meta ighid illi lanqas jaf xi hsara kellha l-attrici fil-vettura taghha, meta jirrizulta mid-dokumenti esebieti (Dokumenti CZ1 u PZ1), illi l-hsarat fil-vettura ta'l-attrici kienu estensivi l-aktar fuq in-naha ta' quddiem.

Illi l-allegazzjoni dwar it-*tyre* mifqugh fil-vettura ta'l-attrici qabel ma sehh l-impatt giet ukoll skreditata mis-surgent Zammit fix-xhieda tieghu li ikkonstata dak in-nhar stess li sehh l-incident illi it-*tyre* kien jidher li infaqa' ma'l-impatt, meta l-attrici baqghet diehla fil-hajt.

Illi fit-tieni lok, kif diga gie issottolinjat ix-xhieda ta' Mary Grixti ma hijiex wahda kredibbli. Illi hija ma tistax tigi emmnuta meta tghid illi ghalkemm kienet wieqfa lesta sabiex taqsam fil-mument li l-konvenut kien hiereg minn Church Street, u rat il-vettura ta'l-attrici tielgha bi speed eccessiv u tisswervja, hija madanakollu ma ratx l-incident isehh ghaliex telqghet minn fuq il-post. Izda imbaghad fl-istess nifs tghid illi xi nies fil-vicinanzi tawha tazza kafe minhabba il-qatgha li hadet! Huwa kemmxejn stramb kif dina ix-xhud hasset illi kellha titla' tixhed f'dawn il-proceduri favur it-tezi tal-konvenut, izda dak in-nhar ta'l-incident ma hassitx illi kellha tmur taghti l-ghajnuna lil-persuni involuti f'incident li sehh quddiem ghajnejha u kellmet lill-konvenut biss wara.

Illi t-Tribunal ghalhekk jikkonkludi illi l-verzjoni moghtija mill-attrici ta' kif sehh l-incident stradali mertu tal-kawza hija wahda kredibbli u li ghalhekk kien il-konvenut li baqa' hiereg minghajr ma ha il-prekawzzjonijiet necessarji minn Church Street (li hija triq sekondarja) ghal go Saint Anthony Street meta lanqas kellu vizwali tat-traffiku li kien tielgha minn din it-triq, bil-konsegwenza illi huwa baqa' diehel fil-vettura misjuqa mill-attrici li min-naha taghha tillfet il-kontroll u baqghet diehla fil-hajt. Anke in-natura tal-hsarat rapportati fil-vetturi rispettivi timmilita kontra it-tezi tal-konvenut, u dana peress illi id-daqqa fuq il-genb in-naha ta' wara fil-vettura ta'l-attrici tindika illi hija kienet diga lehhqet qabbzet it-triq sekondarja minn fejn kien hiereg l-konvenut, u il-hsarat fuq in-naha ta' quddiem fil-vettura tal-konvenut jindikaw illi huwa kien hiereg minn Church Street sabiex jaqsam Triq Sant'Antnin, meta sehh l-impatt.

Illi dwar il-*quantum* tad-danni ma jirrizultax illi qed issir kontestazzjoni u kwindi it-Tribunal sejjer jistrieh fuq ix-xhieda u d-dokumenti esebieti mill-attrici.

Illi finalment rigward l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut rigward l-intempestivita ta'l-azzjoni, ma jidhirx mill-atti processwali illi huwa ressaq xi provi f'dan ir-rigward u ghalhekk din l-eccezzjoni ser tigi respinta.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut jilqa' it-talba attrici u jikkundanna l-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' seba' mitt lira Maltin (Lm700), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali ipprezentata kontestwalment ma'l-avviz ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------